# Q O R T I  C I V I L I
## (Sezzjoni tal-Familja)

## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G. MANGION

**Illum 31 ta' JEr 2018**

Rikors Guramentat Nru. 219 / 16RGM

Kawza fil-lista: 7

**L-Avukat A B,**
**bhala mandatarju specjali ta' C D**
**vs**
**E D u permezz ta' digriet moghti fid-9 ta' Mejju 2017 l-Avukat Simon Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Luisa Tufigno gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-istess E D li tinsab assenti minn dawn il-gzejjer**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi C D, zzewweg lill-intimata qua mara tieghu, fid-29 ta' Awwissu 2014, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg, li ai finijiet ta' identifikazzjoni.

Illi l-intimata, wara biss xahrejn u nofs, ddecidiet wehida illi tabbanduna lir-ragel taghha, C D qua rikorrenti f'dawn il-proceduri, u tirritoma lejn ir-Russja minghajr ebda raguni jew gustifikazzjoni.

Illi tul iz-zmien l-intimata ghamlet tirrisjedi mal-familja D, din giet milqugha u meqjusa bhal li kieku kienet it-tifla tal-genituri ta' C D, fejn hi qatt ma giet mnaqqsa jew mcahhda minn xejn, u ghalhekk, wisq aktar ma kellix raguni ghalxiex ghandha jew kellha tabbanduna lir-ragel taghha bla kliem u sliem kif

gara, iktar minn hekk, il-familja D, tul dan l-imsemmi zmien, ghenitha sa biex tirregistra kwalifiki u fl-istess hin tapplika ghal ammont ta' interviews sabiex hi tkun tista' tibda tahdem hawn Malta.

Illi dan kollu safa ghalxejn hekk kif wara ftit zmien E D bdiet tesrprimi kif kellha tmur lura lejn ir-Russja sabiex, skont kliemha, tissetilja numru ta' dokumenti in rigward xi propjeta` li hija kellha hemmhekk, kif ukoll, in rigward formalitajiet li kienu jikkoncernaw ix-xewqa taghha li tibdel kunjomha ghal dak tar-ragel taghha, jigifieri D. Pero`, wara dan iz-zmien, hareg bic-car kif dawn kienu kollha skuzi, hekk kif ir-ritorn ta' E D qatt ma sar.

Illi minkejja kollox C D prova fuq li prova illi jittenta jzomm kuntatt mal-mara tieghu, u sahansitra anke kien lest illi jahfrila ta' li ghamlet bit-tama li jerga` jirrilloncilja maghha, pero’ dan kien kollu ta' xejn meta perjodikament huwa kien jircievi li qieghda tivvjagga madwar l-Ewropa.

Illi fix-xahar ta' Marzu 2015, C D, sahansitra vjagga sa St. Petersburg; ir-Russja, bil-tama illi jirrikoncilja mal-mara tieghu u sa biex forsi jifhem ghaliex din qieghda taghmel dak li qed taghmel. Pero, minkejja l-isforz u s-sagrificcju tieghu, tant li kwazi waslu sa biex jitlef l-impjieg tieghu, dan kien kollu ghalxejn, ghaliex E D, ma trattat u bl-ebda mod, bir-rispett u bhala r-ragel taghha.

Illi jinhass li z-zwieg bejn C D u E D kien vvizzjat mill-parti intimata, hekk kif gie kkuntrattat bix-xewqa qarrieqa illi l-istess persuna tikseb dokumenti Maltin, sa biex hija tkun tista' tivjagga facilment madwar l-Ewropa. Tant, illi C D anqas biss jaf fejn E D tinsab illum il-gurnata.

Illi din is-sitwazzjoni halliet effetti detrimentali hafna kenrm fuq C D kif ukoll fuq il-familja tieghu li jhossuhom mqarrqa, ghal-ragunijiet dak iz-zmien mistura, pero` llum cari, li l-intimata kienet sewwa sew pjanat.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet, iz-zwieg bejn il-partijiet ghandu jigi annullat principarjament abbazi l-Artiklu 19(c), hekk kif bl-aktar mod car il-kunsens taz-zwieg inkiseb b'qerq dwar kwalita` u motiv tal-parti lohra li, minghajr ebda dubju, mix-xorta taghha, fixklet serjament il-hajja mizzewga.

Illi huwa maghruf illi skont il-gurisprudenza, sewwa sew fid-decizjoni Louis Agius vs Giorgia Agius deciza fis-19 ta' Ottubru 1988, il-Qorti kwotat lill-L. Wran li kiteb li din il-kwalita trid tikkoncerna '(i) An inherent property of the person, and not some isolated part action; (ii) Present at the time of the wedding; (iii) Grave either objectively or subjectively; (iv) Unknown to the other party (v) Fraudulently concealed for the purpose of obtaining marital consent'. Aktar minn hekk, jidher kif fid-decizjonijiet tal-Qorti nostrana bejn il-partijiet fl-ismijiet ta'

David Buhagiar vs. Rosanne Maile deciza fl-24 ta' April 1995, Mary Farrugia vs Joseph Farrugia deciza fit-13 ta' Marzu 1995 u Evelyn Agius vs. John Borg deciza fl-04 ta' Ottubru 1995, il-kundizzjonijiet sabiex zwieg, jigi annullat a bazi ta' raguni serja rispettiva qed stabbiliti hekk sufferit: (i) the fraud must be perpetrated with the intention that one obtains the consent of the other party; (ii) the fraud must have had an effect on the consent of the other party (iii) the fraud must concern a quality of the other party; and quality must, of its nature, seriously disturb matrimonial life.

Illi ghalhekk, minghajr bzonn li wiehed jindaga jew jiskrutinja dawn l-elementi rekwiziti, wiehed facilment jifhem kif dawn l-elementi msemmija, jinstabu f'dan il-kaz precizament u ghalhekk huma sodisfatti. B'hekk dawn l-elementi ghandhom iwasslu u jispjegaw ghaliex dan iz-zwieg vizjat ghandu jigi annullat.

Illi minghajr pregudizzju ghal 'punt precidenti' iz-zwieg bejn il-partijiet ghandu jigi annullat ukoll a bazi l-artiklu 19(f) fejn jidher bic-car illi kien hemm simulazzjoni fil-kunsens tal-intimata illi kkuntrattat dan iz-zwieg purament biex taqdi l-motivi taghha.

Illi l-ligi nostrana tispjega kif 'jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg; innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg', dan u zwieg ghandu jitqies bhala wiehed null.

Illi hawnhekk qeghdin nirreferu ghal simulazzjoni tal-kunsens fl-intier tieghu u ghalhekk mhux wiehed parzjali; sitwazzjoni fejn l-intimata qieghda tigi meqjusa illi kienet kapaci illi tifhem id-drittijiet u l-obbligazjonijiet taz-zwieg u minn xiex verament iz-zwieg jikkonsisti, pero` l-intenzjoni taghha illi taqdi dawn l-obbligi kienet simulata f'sens illi tat l-impressjoni illi kienet qieghda taccetahom meta fil-verita, b'mod posittiv kienet qieghda teskludihom, u kkuntrattat iz-zwieg purament biex taqdi l-motivi qarrieqa taghha.

Illi s-sitwazzjoni hija intolerrabli ghaliex C D safa vittma ta' din il-mossa qarrieqa u minbarra li diga' u prezentament qieghed ibati, huwa ma jistax jghix u jibni hajtu kif kull persuna tixtieq illi taghmel fil-hajja taghha.

Illi l-familja D tinsab inkwetata kif l-intimata qieghda tuza r-'residence card' Maltija, bl-indirizz tad-dar taghhom, sabiex hija tivvjagga madwar l-Ewropa.

Illi fi kliem iehor, E D irnexxila tingE mhux biss lill-familja D, imma bl-awtoritajiet Maltin u anke dawk Ewopew, u ghalhekk dawn jixtiequ jtemmu dan l-abbuz min-naha taghha.

Illi ormai dan iz-zwieg mhux biss tkisser irrimedjbilment izda tista' tghid illi zwieg qatt ma ezista. Ghalhekk, ir-rikorrent ma kellu ebda ghazla hlief, illi jasal ghal dawn il-proceduri definittivi, wara li pprova jaghmel kollox sabiex isalva, jew ahjar, jghajjex dak li qatt ma ezista.

Ghaldaqstant, il-madatarju specjali ghan-nom tar-rikorrenti umilment qieghed jitlob lil din il-wisq Onorabbli Qorti sabiex fl-ewwel lok, jigi dikjarat u kkonfermat illi z-zwieg bejn C D, u bejn l-intimata E D illi gie ccelerbrat fid-29 ta' Awwissu 2014 bir-Registru Pubbliku, jigi dikjarat bhala null u invalidu ai termini tal-Artiklu 19(c) u/ jew (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, occorrendo, billi wkoll jigi konfermat illi C D stess, kien il-parti in buona fede ghal dan iz-zwieg.

Subordinatament, tordna sabiex isir l-annotazzjonijiet fl-Att taz-Zwieg ta' bejn il-partijiet fuq tali decizjoni gudizzjarja.

Bl-ispejjez tal-prezenti kontra l-intimata u bl-ingunzjoni tal-initmata in subizzjoni ghal dawn il-proceduri.

Rat id-digriet taghha tat-12 ta’ JEr 2017 fejn laqghet it-talba ta’ l-attur ghall-hatra ta’ kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti konvenuta;

Rat ir-risposta pprezentata mill-kuraturi deputati fit-22 ta’ Mejju 2017[1] fejn iddikjaraw li huma m’humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f’kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;

Rat ix-xhieda u l-atti kollha tal-kawza,

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-attur u rat ukoll illi l-konvenuta ghalkemm, b’digriet moghti waqt l-udjenza tat-3 ta’ Ottubru 2017, inghatat zmien sabiex tipprezenta nota ta’ osservazzjonjiet responsiva, baqghet ma pprezentat ebda nota bl-osservazzjonijiet taghha.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

---

[1] A fol. 60.

**Provi**

**L-attur Rueben D** xehed permezz ta' Affidavit fejn qal hekk:-

"*Jien iltqajt ma' E fuq online dating site fis-sena 2013 u minn hemmhekk konna bdejna nitkelmu u sirna nafu lil xulxin. Kienet qaltli Ii gejja Malta ghaz-zmien ta' Lulju ta' dik is-sena biex tistudja kors iehor fl-ingliz gewwa 1-iskola li tinstab fis-Swieqi u Ii jisimha Clubclass.*

*E kienet diga' ghamlet kors hemmhekk fis-sena ta' qabel waqt li kienet ghaddejja minn divorzju mal-eks ragel taghha, djjem skond 1-informazjoni Ii kienet tatni. Ghalija din kienet sorpriza ghax kont familjari mal-iskola tal-lingwa Clubclass ghax kont ghamilt kors hemmhekk jien biex nghallem 1-ingliz lill-barranin.*

*Meta wasal Lulju kont hadt xi granet ta' vaganza mix-xoghol u konna iltqajna. E kienet qieghda Malta ma' habiba taghha russa li kienet apparentament tikri appartament maghha gewwa Moska f'dak iz-zmien. Minhabba l-kors u 1-attivitajiet relatati mieghu u 1-fatt li habibtha ma kinetx titkellem ingliz tajjeb u bdiet thossha wehida, ma tantx konna qattajna zmien flimkien.*

*Wara dan il-perjodu, konna ghamilna xi zmien ma nitkelmux u kienet qaltli li ma kinetx ghadha interessata fija, pero, lejn 1-ahhar zmien li kien haj, jigifieri fiz-zmien Ii kien qieghed imut missiera, kienet regghat gharnlet kuntatt mieghi u f' dak iz-zmien hekk kif min-naha tieghi kont single u kienet ghada togghobni konna iddecidejna Ii niltaqghu.*

*Kont hallastila l-passagg u anka ommha kienet iddecidiet li tigi. Milli jidher E kienet sabet lil xi Malti sabiex tkun tista' tiltaqa' mieghu ommha. Dan nafu ghax E kienet tghinom jikkomuikaw peress li ommha ma kinetx titkellem bl-ingliz. E kienet qaltli li ommha ha toqghod ma' dan l-individwu Ii kien jismu Angelo u li jghix Hal Qormi bhala vaganza gewwa*

*Malta. E kienet ser tghix fl- appartament Ii nghix fih jien gewwa l-proprjeta` tal-genituri tieghi gewwa x-Xghajra.*

*Pero wara jumejn ommha ddejqet tghix ma' Angelo u ddecidiet li tmur go Lukanda f'San Giljan. E spjegatli kif biex ma thallix lil ommha wehida marret maghha gol-lukanda u b'hekk spiccajna konna qed niltaqghu matul il-gurnata. Imbaghad fl-ahhar ftit jiem li kienet Malta iddecidejna li nizzewgu u nghixu flimkien.*

*Konna ddecidejna li nizzewgu f'Awwissu ta' dik is-sena stess ghaliex konna iddecidejna Ii nibdew familja flimkien. In fatti wara dan il-ftehim E marret lura r-Russja m' ommha u xtrat il-libsa tat-tieg u xi souvenirs ghat-tieg. Meta giet lura m'ommha fil-gimgha tat-tieg inqalghu xi problem ghax ommha ma kellhiex permess tidhol go Malta ghaliex milli jidher kienet applikat biss 'single entry visa' u kellha tmur lura r-Russja mal-ajruplan li kien ser jirritorna.*

*Meta zzewigna E kienet tidher kuntenta u konna ftehmna li nixtru post Malta flimkien. Malli zzewigna ghamilt l-almu tieghi li nlestu d-dokumenti kollha Ii kellha bzonn sabiex taghmel karta tal-identita' Maltija halli sserrah mohhha Ii tista' ssib xoghol u jkolla id-dokumenti kollha necessarji. E kellha l-flus u l-uzu tal-karozza tieghi u kienet tqatta l-granet taghha Malta tohrog, tmur il-gym u tiltaqa' ma xi hbieb li kellha hawn u li baqghet qatt ma laqqatni maghhom. Jien dejjem hallejtha fil-liberta' u vdajta peress li qatt ma kont rajt ghajn hazina min-naha taghha.*

*Pero maz-zmien bdejt ninduna li E kienet tbiddel hafna l-opinjonijiet taghha. Filli tixtieq li nixtru post Malta u filli tixtieq li mmorru nahdmu f'pajjiz iehor flimkien. In fatti, wara 1-ewwel xahar biss ta' zwieg kienet qed tkun imdejqa ghax kienet ssostni li Malta zghira wisq. Jien din kont rajtha stramba u kont nghidilha li in fatti nara stramba din il-haga peress li E kienet Malta diversi drabi u kienet taf li hija Gzira zghira.*

*Imbaghad ommha giet zzur Malta ghall-habta ta' Novembru u giet tghix fid-dar ta' ragel iehor li kienet iltaqghet mieghu online ad durata tal-vaganza taghha. Tul dan iz-zmien E kienet qed tqatta hafna run maghhom u anke marret ghal xi granet maghhom gol-garaxx li dan ir-ragel Malti li iltaqghet mieghu ommha kellu gewwa Ghawdex.*

*Meta wasal iz-zmien li omma tmur lura, E avvicinatni u qaltli li ser tmur maghha lura r-russja biex tirranga l-passaport Russu ghal-kuljom il-gdid li kellha u tirranga ukoll xi affarjiet li kellha r-Russja bhall-appartament u il-kera tal-appartament kif ukoll il-karozza ta' missierha li ddecidiet li kienet ser tbigh. Kont hallastila l-passagg u kont qed nibghatilha xi flus ukoll biex nghina meta telqet.*

*Wara ftit zmien E kienet qed tevitani jew tkellimni mill-inqas, generalment tkellirnni biex titlobni I-flus u tghidli li qed tqatta hin m'ommha u ma' huwa u li d-dokumenti idumu hafna biex ibiddluhom. Sal-milied kwazi ma kinetx tirrispondini la bil-messaggi u Ianqas bit-teiefonati jew kienet tghidli li kienet busy. GhaI zmien 1- ewwel tas-sena minn instagram rajt Ii kienet il-Germanja. Pruvajt hafna drabi nikkuntatjaha pero ma tatnix dettalji u qaitli li mhux vera kienet hemm izda kienet mal-familja taghha r-Russja. Jien minn naha tieghi bqajt nipprova nirranga s-sitwazjoni u niskopri x'gara pero E kienet tbiddeI hsieba u l-pjanijiet Ii konna naghmlu mil-llum ghall-ghada.*

*F'Marzu 2014 wasalt fil-punt li ddecidejt nitla hdejha r-Russja, u f'dan iz-zmien kienet St. Petersburg. Kien vjagg li swieni hafna kemm flus u problemi ix-xoghol peress li kien zmien li fih kellna hafna x'naghmlu fl-industrija tal-I-Gaming li kont nahdem fiha. Mort ir-Russja sabiex nipprova nirranga s-sitwazzjoni taghna u nipprova nsalva iz- zwieg taghna u wara kollox nifhem x'kien gara. Hemmhekk ikkonfermatli li gidbitli u kienet marret il-Germanja biex tiltaqa ma' habiba taghha fl-ewwel tas-sena u go qalbi ghidt "minflok giet tqatta l-festi mar-ragel taghha". Mort ir-Russja fejn fil-maggoranza taI-hin kienet thallini wahdi biex tmur xoghol li kienet*

*tghid li taghmel go gym jew inkella tati lezzjonijiet privati tal-ingliz lill-klijenti taghha.*

*Infaqt hafna flus, hadta fl-aqwa ristoranti u hwienet u xrajtila kull ma xtaqet, anke il-fuel tal-karozza li kellha hallast. In fatti, hi qatt ma naf li nefqet centezmu mieghi, apparti l-libsa tat-tieg u s-souvenirs li kienet gabithom lura mir-Russja maghha hi.*

*Sa kemm konna hemm ddecidejna li tigi lura Malta u kellha biss bzonn tbiddel il-passaport, li kienet ghada lanqas bdiet il-process minn Novembru 2013 u qaltli li kellha bzonn xahar iehor biss, kif ukoll flus biex thallas il-passaport, li wara kollox hallast jien.*

*Wara xi xahrejn li jien irritomajt lura Malta, konna ghadna bil-ftehim li terga tigi lura u suppost kienet lestiet il-passaport il gdid. Minn hemm bdiet tghid li ma tridx tigi lura u kemm-il darba pproponiet li nmorru nghixu f'pajjiz iehor fl-Ewropa flimkien, li jien dejjem ghidtila li rridu kapital biex naghmlu hekk, xi haga li ma kellniex u ovvjament ridna ikollna diga xoghol fil-pajjiz l-iehor xi haga li lanqas kellna. Maz-zmien indunajt li hi biss kienet tghidli hekk biex izzomni nispera li ha nergghu nkunu flimkien.*

*Ftit wara qalti li sejra l-India biex titghallem tghallem il-Yoga. Minn hemm vera kkonfermajt li ma stajt naghmel xejn iktar, ghaliex indunajt kemm jiena m' ghamilt xejn biex stajt inqast u kif min-naha taghha zgur qatt ma kellha l-intenzjoni li tissetilja f'hajja mizzewga mieghi imma riedet tghaqdi biss dak li kellha f'mohhha.*

*Jien zzewwigt lill-E biex nibni familja maghha u nghixu flimkien, ma kontx qed nara problemi sakemm telqet minn Malta u bdiet tigdibli. Pero llum accertajt li hi qatt ma kienet tal-istess hsieb tieghi minkejja li waslet biex zzewgitni. Kieku kelli l-icken suspett li ser taghmel dak li ghamlet qatt ma*

*kont nizzewwiga. Qatt ma kelli suspett li kienet ser taghmel hekk jew li kellha motivi ohrajn ghax dawn dejjem hbitomli u hargu biss maz-zmien.*

*Illum-il gurnata wara li ghadda bizzejjed zmien fejn stajt nirrifletti indunajt li E uzatni biex ikollha post fejn tigi bhala vaganza imhallsa, taghmel li trid, tmur fejn trid u barra minn hekk ikollha karta tal-identita' ewropeja li biha tkun tista tmur fejn trid fl-Ewropa minghajr ir-restrizzjoni ta' Visa. Ma nahsibx u ma nemminx Ii qatt kella ebda mhabba u rispett Iejja biex gabet ruhha b'dan il-mod u ovjament dejjem segwiet l-agenda taghha. E hija mara intelligenti u li daret id-dinja, f' ghajnejja llum -il gumata wisq inhoss li l-pjan taghha kien li tuzani ghaI-htigijiet u skopijiet taghha u ghalhekk izzewgitni. Ghalija u ghal familja tieghi, kien hemm qerq car Iejn dak li geghlitni nemmen u naturalment jien ghamejt u dhalt f' din l-eventwalita' hajja li sfortunatament ma gabitx maghha dak li hsibt li kien ser ikun zwieg li jikber maz-zmien bhal kull zwieg iehor."*

**Missier l-attur Ronald D** kif ukoll **omm l-istess attur, Mary D**, ukoll xehdu permezz ta' Affidavit[2] fejn in sostanza, ikkonfermaw l-istess fatti u cirkostanzi li xehed dwarhom b'mod ezawrjenti l-attur.

Ikkunsidrat;

Jinsab ormai pacifikament ritenut illi d-decizjoni li wiehed jidhol ghaz-zwieg tesigi qabel xejn li l-partijiet jaghmlu apprezzament ta' xi tfisser li jghixu hajja mizzewga, bid-drittijiet u l-obbligi li ggib maghha din id-decizjoni, liema obbligu u drittijiet jinsabu stabbiliti mid-dispozizzjonijiet tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Kodici Civili jelenka l-jeddijiet u d-dmirijiet li jitnisslu miz-zwieg fl-ewwel disposizzjonijiet ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodici, intitolat "*Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet tar-Ragel u l-Mara Lejn Xulxin*":-

[2] Dok. A a fol. 69 *et seq*. u Dok. B a fol. 73 *et seq*., rispettivament.

*2. (1) Il-ligi tippromwovi l-ghaqda u l-istabbilita' tal-familja.*

*(2) Il-mizzewgin ghandhom jeddijiet indaqs u jerfghu responsabbilitajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom. Ghandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin u li jieqfu ma' xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment.*

*(3) Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skont il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja.'*

Huwa pacifiku illi z-zwieg huwa istitut ta' l-ordni pubbliku u bhala tali ghandu jgawdi minn dawk is-salvagwardji li jixraqlu u li huma necessarji biex jiggarantixxu l-importanza u s-solennita` li dan l-istitut ghandu fis-socjeta`. Appuntu ghal din ir-raguni, il-kuntratt taz-zwieg ma huwiex regolat bid-dispozizzjoniiet generali in materja ta' kuntratti li nsibu fil-Kodici Civili izda b'*lex specialis* taht il-Kap. 255, li tipprovdi dwar ir-ragunijiet li minhabba fihom zwieg jista' jigi dikjarat li huwa minghajr effett. Inoltre, tezisti a favur iz-zwieg prezunzjoni ta' validita` illi tesigi li z-zwieg ma ghandux jigix dikjarat li huwa invalidu, jekk ma jitressqux ghas-sodisfazzjon pjen tal-qorti, provi cari u konkreti li jezistu ragunijiet gravi u serji u eccezzjonali skond kif trid il-Ligi, li jiggustifikaw talba ghan-nullita`:-
"*Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe' li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti ta' l-allegazzjonijiet rispettivi taghha dwar l-allegazzjoni cioe' li z-zwieg kien null, ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.*"[3]

[3] **Joseph Zammit vs Bernadette Zammit**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell, 27 JEr 2006.

In-nullita` taz-zwieg hija ghalhekk eccezzjoni ghar-regola ta' validita` u konsegwentement, kull talba biex zwieg jigi dikjarat li qatt ma kien, ghandha titqies b'cirkospezzjoni filwaqt li tinghata wkoll interpretazzjoni ristrettiva[4]:-
*"Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett… Ghall-Qorti n-nullita' hija haga serjissima u eccezzjonali bbazata fuq ir-rekwiziti legali, u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata restrittivament".*

Talba ghal dikjarazzjoni gudizzjarja li ghalkemm tnejn resqu ghac-celebrazzjoni taz-zwieg effettivament ma zzewgu xejn, tehtieg li tigi sorretta minn provi konvincenti li jnisslu fil-gudikant dak il-konvinciment necessarju li zwieg bejn il-partijiet ma kienx sehh nonostante li c-cerimonja segwit ir-rit impost mill-ligi.

Ikkunsidrat;

L-attur talab li z-zwieg tieghu mal-konvenuta jigi dikjarat null abbazi tad-dispozizzjonijiet tas-subincizi (c) u (f) ta' l-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255. Il-konvenuta, li kienet rapprezentata f'din il-kawza minn kuraturi deputati, ma xehditx u ghalhekk il-Qorti ghandha quddiemha biss il-verzjoni inkontradetta ta' l-attur u x-xiehda li tressqu minnu.

Ikkunsidrat ukoll;

Peress illi jirrizulta sew mir-Rikors guramentat kif ukoll mill-provi mressqa mill-attur li t-talbiet tieghu ghan-nullita` huma msejsin fuq il-premessa li l-konvenuta qieset iz-zwieg bhala wiehed ta' konvenjenza, il-Qorti hija tal-fehma illi l-ewwel ghandha titratta l-kawzali msejsa fuq l-Artikolu (1) (f) tal-Kap 255, b'mod li jekk din il-kawzali tirrizulta, ma jkunx mehtieg li tigi trattata wkoll il-kawzali kontemplata mill-Artikolu 19(1)(c).

4 **Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell, 12 Lulju 1987.

Ikkunsidrat;

In tema legali, l-**Artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255** jipprovdi li z-zwieg ikun null:-
"***(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.***

Illi gie konsistentement ritenut illi dan is-subinciz (f) jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni li ghalkemm ser jippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg, hija tkun qieghda teskludi jew iz-zwieg innifsu, jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg ikun qieghed jigi eskluz[5]. Fi kliem iehor, biex zwieg ikun null ai termini ta' dan is-sub inciz, xi hadd mill-partijiet ma jkollux intenzjoni li jizzewweg u jghix hajja konjugali, izda jkun resaq ghac-celebrazzjoni taz-zwieg sabiex jilhaq xi ghan ulterjuri.

Skont kif ritenut fis-sentenza recenti **Simon Cusens vs. Romina Cusens**[6], sabiex zwieg jigi kkunsidrat null ai termini ta' dan is-subinciz, jehtieg li jigi ppruvat li xi hadd mill-partijiet huwa hati ta' simulazzjoni, fis-sens illi filwaqt li esternament jidher li qed jaghti l-kunsens ghar-rabta matrimonjali, ikun fl-istess hin u minn qabel ma ta l-kunsens tieghu ikun mentalment diga` eskluda a priori d-dispozizzjoni tieghu li jottempera ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali.

Issir ukoll referenza in materja ghas-sentenza **Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine**[7] fejn jinghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed (jew wahda) minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero` bl-att tieghu hu qabel u fil-hajja mizzewga, jew*

---

[5] Tezisti gurisprudenza ampja in materja, fosthom is-sentenzi **Galea vs Walshi** (Prim'Awla tal-Qorti Civili – 30 ta' Marzu 1995); **Muscat vs Borg Grech** (Prim'Awla tal-Qorti Civili - 14 ta' Awissu 1995); **Joseph Zammit vs Bernardette Zammit** (Qorti ta' l-Appell – 27 ta' JEr 2006).
[6] 104/2010, deciza minn din il-Qorti kif preseduta fl-10 ta' Dicembru 2014, u konfermata mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Frar 2016.
[7] Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 28 ta' April 2002.

*bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori z-zwieg,…….hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"*

Fis-sentenza **Magri vs Magri**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Lulju 1994 gie dikjarat illi: "*Jekk din il 'consortium vitae' hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il'consortium vitae' tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabilita' tal-familja."*[8]

Ikkunsidrat;

In propositu ta' zwieg ta' konvenjenza, fis-sentenza fl-ismijiet **MaryRose Abder Tahim vs Esam Abder Rahim**[9]**,** gie ritenut hekk:-

"*Fi zwieg ta' konvenjenza illi l-iskop uniku tieghu huwa biss biex il-konvenut jakkwista c-cittadinanza Maltija u/jew id-dritt li joqghod u jirrisjedi hawn Malta, dak il-kunsens ikun simulat peress li eskluda posittivament iz-zwieg innifsu*".

Intqal ukoll[10] illi:

"*Meta l-uniku skop tal-kontraent jkun li jibqa' Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed posittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f'dawn il-kazijiet wiehed ma ghandhux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita tal-intenzjoni ta' dak li jkun, pero' tali intenzjoni tista' tigi manifesta wkoll implicitament*".

---

[8] Citata wkoll citata fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **John David Attard Montalto vs Maria Dolores sive Doreen Attard Montalto,** deciza fit-22 ta' Gunju 2004.
[9] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Mejju 2000. Ara wkoll **Carmen El Shimi gia' Tanti vs Ibrahim D El Shimi** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta'Gunju 2002
[10] Prim Awla tal-Qorti Civili, deciza 1 ta' Ottubru 2002, fil-kawza fl-ismijiet **Lydia Musu' vs Dr Ian Spiteri Bailiey et**.

Illi fil-kawża fl-ismijiet **Pauline Ahmed nee' Bugeja vs. Shafik Farid Shafik Ahmed**[11] il-Qorti ċċitat lill-ġurista Francesco Bersini[12] li jispjega:-

*"Chi ad esempio intende un fine estrinseco al matrimonio in modo tale da escludere con atto posittivo di volonta' lo stesso matrimonio, che per lui e` una pura formalita' vuota e senza senso, evidentemente fa del matrimonio un rito vano. In tal modo contrae invalidamente colui che, escludendo con atto posittivo di volonta', almeno implicito, lo stesso matrimonio, si sposa unicamente ed esclusivamente per un fine estrinseco, cioe' diverso dal matrimonio, fine che egli intende come oggetto esclusivo del consenso. Per esempio: avere una dote, evitare il servizio militare, adire una eredita', scopi di libidine, ecc…"*

Ikkunsidrat;

Fl-interpretazzjoni ta' dan is-subinciz (f) ta' l-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255, gie ritenut mill-Qrati taghna illi l-eskluzzjoni pozittiva ma ghandhiex neccessarjament tirrizulta minn xi haga espressa direttament, izda tista' tigi manifestata bl-imgieba ta' xi wahda mill-partijiet fiz-zmien immedjatament qabel jew wara li jkun inghata l-kunsens.

Illi ezaminati l-provi kollha akkwiziti f'dan il-kaz, il-Qorti hija tal-fehma li ghall-konvenuta dan kien zwieg ta' konvenjenza, liema zwieg, f'ghajnejha, kien il-mezz opportun li bih, bhala cittadina Russa, setghet takkwista passaport biex tivvjagga ma' l-Ewropa kollu u oltre, kif del resto jirrizulta li ghamlet wara li telqet hesrem minn Malta biss xaharejn u nofs wara c-celebrazzjoni taz-zwieg.

Din il-Qorti tosserva illi huma bosta l-fatturi illi jindikaw illi dan iz-zwieg kien wiehed purament ta' konvenjenza ghall-konvenuta.

---

[11] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 10 ta' Marzu 2000.
[12] *Il Diritto Canonico Matrimoniale* - Elle Di Ci (Torino), 1994, pp. 113-114.

Qabel xejn, l-attur spjega kif il-konvenuta ghamlet kuntatt mieghu *on-line* diversi xhur wara li kienet qaltlu li m'hijiex interessata fih. L-attur hallas l-ispejjez tal-passagg biex il-konvenuta u ommha jigu Malta fix-xahar ta' Mejju 2014. Jigi osservat illi din il-btala kienet tabilhaqq l-ewwel opportunita` li kellhom il-partijiet biex jikkoltivaw ir-relazzjoni bejniethom ghaliex qabel, il-kuntatt u r-relazzjoni bejniethom kienu jezitu biss *on-line*.

Jigi osservat ukoll li d-decizjoni li l-partijiet jizzewgu jidher li ttiehdet immedjatament qabel il-konvenuta giet biex tirritorna lejn ir-Russja minhabba l-limitazzjonijiet tal-permess tas-soggorn taghha gewwa Malta, u sakemm gie celebrat it-tieg fid-29 ta' Awwissu 2014, jirrizulta li l-konvenuta qattghet, komplessivament, ftit inqas minn erba' gimghat gewwa Malta flimkien ma' l-attur.

Jispikkaw fil-verzjoni ta' l-attur u tax-xiehda tieghu, il-fatt li huwa kien ihallas l-ispejjez kollha tal-konvenuta inkluz ghall-ghajxien taghha, kif ukoll il-problemi li holqu r-restrizzjonijiet fuq il-visa tal-konvenuta u ta' ommha peress li kienu cittadini Russi. Fir-rigward, l-attur spjega kif malli zzewgu, huwa ghamel hiltu kollu biex jghin lil martu tlesti d-dokumenti kollha li kellha bzonn biex tapplika u takkwista karta ta' identita` Maltija. Jirrizulta ulterjorment illi wara z-zwieg, ghalkemm l-attur u l-genituri tieghu assistew lill-konvenuta tikseb id-dokumenti kollha li kellha bzonn, inkluz certifikati, CV u traduzzjonijiet relattivi biex tista' tibda tahdem gewwa Malta, hija rrifjutat diversi opportunitajiet ta' xoghol, anke fil-qasam li suppost kien jinteressaha. Din l-imgieba tikkunstrasta mar-rieda li kienet turi l-konvenuta qabel iz-zwieg, li tibqa' Malta u ssib xoghol.

L-aqwa prova dwar kemm ghall-konvenuta dan kien zwieg ta' konvenjenza tirrizulta mill-fatt li wara li l-konvenuta telqet minn Malta fl-14 ta' Novembru 2014 bil-pretest li kellha bzonn tmur ir-Russja ghal zmien qasir sabiex *inter alia*, tibdel il-passaport wara l-bdil fil-kunjom taghha wara z-zwieg, hija baqghet qatt ma giet lura Malta. Ghalkemm l-attur baqa' jghinha finanzjarjament meta kienet ir-Russja, il-konvenuta kull ma jmur bdiet tevita

kuntatt ma' l-attur sakemm eventwalment, wara ftit xhur biss, qatghet kull kuntatt mieghu. L-attur xehed illi f'dan il-perijodu, il-konvenuta kienet qed issiefer f'diversi pajjizi madwar l-Ewropa kif ukoll tahdem fil-pajjizi fejn kienet qed tivvjagga.

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti hija konvinta li mhux talli l-iskuza li gabet il-konvenuta biex titlaq minn Malta wara z-zwieg kienet manifestament falza, talli fil-mument li kienu qed jikkontrattaw iz-zwieg taghhom, il-konvenuta kienet qed teskludi diversi elementi essenzjali tal-hajja mizzewga. Dan jirrizulta primarjament mill-kambjament fl-imgieba taghha fi zmien tant prossimu ghaz-zwieg meta bidlet il-hsieb li tibqa' tghix u tahdem gewwa Malta u telqet minn Malta wara biss xaharejn u nofs ta' zwieg u ma ghamlitx ritorn, u dan minghajr ebda spjegazzjoni valida moghtija lil zewgha. L-attur ma regax ra lil martu hlief meta ddecieda li jmur ifittixha gewwa r-Russja wara erba' xhur.

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Abdel Wahed vs. Dr. Yana Micallef Stafrace et noe**[13], elenkat l-elementi essenzjali taz-zwieg bhala Ii jikkonsistu fil-"*kommunjoni tal-hajja konjugali, I-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' I-ulied*"[14]. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **Aquilina vs. Aquilina**[15] u fis-sentenza **Grech vs. Grech**[16].

Inoltre, fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Atkins vs. Maltilde Atkins**[17], il-Qorti qalet hekk:-

*"Rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal*

---

[13] Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 14 ta' Lulju 1994.
[14] Citata mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza 237/14.
[15] Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 30 ta' JEr 1991.
[16] Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 9 ta' Orrubru 1990.
[17] Deciza 2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili.

*komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma jistax ikun wiehed validu".*

Ikkunsidrat;

Illi fil-kaz in dizamina, din il-Qorti tqis illi l-allontanament tal-konvenuta minn ma' l-attur u l-ghejbien totali taghha xaharejn wara li zzewgu, b'mod partikolari wara li kienet kisbet karta ta' l-identita` Maltija u d-dokumenti kollha li bis-sahha taghhom setghet tahdem gewwa Malta u tivvjagga minghajr iktar restrizzjonijiet, jikxef fih innifsu in-nuqqas assolut tal-*consortium vitae*, ossia l-imhabba konjugali u r-responsabbilita` familjari, f'dan iz-zwieg. Minn ezami tal-provi akkwiziti, il-Qorti hija sodisfatta illi ghalkemm il-konvenuta ghaddiet mic-ceremonja taz-zwieg u fil-jum tat-tieg tat x'wiehed jifhem illi hija kienet qed taccetta li tassumi l-obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, internament u b'att pozittiv tar-rieda taghha, eskludiet *a priori* dawn l-obbligi. Filwaqt li jirrizulta manifestament li l-attur ikkontratta dan iz-zwieg in buona fede assoluta, huwa evidenti li l-konvenuta qatt ma kellha ebda hsieb kwalsiasi illi tghix ma' l-attur f'unjoni permanenti, irrevokabbli u esklussiva ibbazata fuq konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku tal-partijiet, u lanqas ma kellha xi intenzjoni li tibni hajja matrimonjali u familjari ma' l-attur fejn iz-zewg konjugi jaqsmu u jerfghu ir-responsabbiltajiet li z-zwieg igib mieghu. Dan ghaliex iz-zwieg ma' l-attur kien biss mezz ghaliha sabiex takkwista l-permess li tivvjagga u tahdem liberament f'pajjizi ohrajn.

Dan jammonta ghal simulazzjoni totali li jivvizzja il-kunsens moghti fiz-zwieg, u dan ai termini tal-**Artiklu 19(1)(f) tal-Kap 255** tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tikkonkludi illi l-attur irnexxielu jipprova sodisfacentement illi kien hemm simulazzjoni da parti tal-konvenuta fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg fis-sens illi ghaliha dan kien biss zwieg ta' konvenjenza bl-iskop li tkun tista' takkwista l-liberta` tal-moviment u tax-xoghol.

Illi billi jirrizulta n-nullita` taz-zwieg bejn il-partijiet abbazi tas-subinciz (f) ta' l-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255, il-Qorti tqis li ma hemmx htiega li jigi stabbilit jekk iz-zwieg huwiex null ukoll abbazi ta' l-Artikolu 19(1)(c).

Ikkunsidrat ulterjorment;

Illi ghalkemm l-attur fir-Rikors promotur talab ukoll ordni biex isiru l-annotazzjonijiet fl-Att taz-Zwieg, il-Qorti tosserva li kif giet dedotta, din it-talba ma tistax tintlaqa' oltre li hija superfluwa fic-cirkostanzi ghaliex ir-registrazzjoni ta' l-annotazzjonijiet fuq l-Att taz-Zwieg issir bis-sahha tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 295 tal-Kap. 16 minghajr il-htiega ta' ordni gudizzjajra *ad hoc*.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tiddisponi mir-risposta tal-kuraturi deputati ghall-assenti, qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-ewwel talba tal-attur tiddikjara illi l-attur kien il-parti in buona fede u tiddikjara li z-zwieg ikkontrattat bejn il-partjiet fid-29 ta' Awwissu 2014 huwa null u invalidu a tenur ta' l-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghar-ragunjiet premessi, tastjeni milli tieghu konjizzjoni tat-tieni talba attrici.

L-ispejjez kollha ghandha thallashom il-konvenuta b'dan illi dawk tal-Kuraturi Deputati ghall-assenti ghandhom provvizorjament jithallsu mill-attur.

**Imhallef** **Deputat Registratur**